MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 490/2014

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Andreas Koettner (Pass No: P3876636DE)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u ewro u tlett centezmi (€501.03c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40168558 moghtija mis-Socjeta’ attrici skont l-anness dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2- prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY4 – Kopja tal-ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa’ ‘nadempjenti u ghalhekk kellha ‘ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-20 ta’ Jannar, 2015 mill-Avukat Dr Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-Socjeta’ attrici fl-ammont ta’ hames mija u ewro u tlett centezmi (€501.03c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------